MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 3/2015

**GO plc**
**C-22334**

**vs**

**D'Emanuele Audrey**

**ID798357-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija, sitta u disghin euro, tlieta u sebghin centezmu (€596.73c) in konnessjoni ma' servizz ta' telefon 21380091 (AC10127613 – CN698077).

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u d-drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici, datata 13 ta' Marzu 2015 li permezz taghha cediet is-sorte, stante pagament, izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Ikkunsidra,

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-azzjoni odjerna giet proposta fis-6 ta' Jannar 2015, filwaqt illi n-nota ta' cessjoni tas-sorte li giet ipprezentata mis-socjeta' attrici hija datata 13 ta' Marzu 2015. Illi mill-atti processwali ma jirrizultax meta gie mwettaq il-hlas mill-konvenuta, u cioe' jekk hux f'data wara li giet proposta l-azzjoni, jew qabel tali data. Illi fi kwalunkwe kaz, il-konvenuta qatt ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem dan it-Tribunal, u ghalhekk ma pprovdiet ebda informazzjoni in rigward. Illi s-socjeta' attrici, da parti taghha, qed titlob decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez tal-kawza, u fic-cirkostanzi, u ladarba l-konvenuta ma kkontestax tali talba mressqa mis-socjeta' attrici, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' din it-talba.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjeta’ attrici, jordna lill-konvenuta li thallas l-ispejjez  ta’ din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------